**Laqgha Numru 04/K5/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tar-Raba’ Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 27 ta’ Frar 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, u l-Kunsilliera Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Ray Mizzi u l-Kunsillier Ray Pace kienu skuzati.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta’ qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fil-21 ta’ Frar 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 03/K5/2008.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 03/K5/2008.**

**03. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Ingagg ta’ librar mal-Kunsill.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 03/K5/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 03/K5/2008 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 03/K5/2008.

2.01. Peress li ma kienx hemm punti x'johorgu mill-Minuti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta **Internal Memo 06/2008** b'rapport tal-laqgha li saret mar-residenti koncernati dwar il-bini ta' l-iskola primarja gdida **( Ara dokument A )**; **Internal Memo 07/2008** b'lista ta' persuni l'applikaw ghall-post ta' librar **( Ara dokument B ); Internal Memo 08/2008** b'lista ta' laqghat li saru bejn it-13/02/2008 u s-27/02/2008 **( Ara dokument C ), Internal Memo 09/2008** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha numru 03/K5/2008 u laqgha 04/K5/2008 **( Ara dokument D ).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Peress li ma kienx hemm komunikazzjonijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-14 u s-27 ta' Frar 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/0923/08/I 18/02/2008 — Kwotazzjoni minghand Portelli & Brincat Ltd. ghall-provvista u twahhil ta' PVC folding door inkluz gypsum partition sabiex jitwahhal fil-parti fejn ser ikun hemm il-librerija pubblika.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0923/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni ghall-prezz ta' € 590.00.

6.03. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0955/08/I 18/02/2008 — Kwotazzjoni minghand Greenlines Environmental Services Ltd. ghall-provvista ta' 2 mobile toilets ghal nhar is-Sibt 8 ta' Marzu 2008 sabiex jintuzaw mir-rapprezentanti tal-partiti politici li ser ikunu biswit ic-centru tal-votazzjoni.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0955/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni ghall-prezz ta' € 82.60.

6.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/1063/08/I 26/02/2008 — Kwotazzjoni minghand PCS Limited ghall-provvista ta' 5 units ta' l-ixkaffar ghall-librerija kif propost mid-Dipartiment ghall-libreriji ghall-

prezz ta’ € 562.00.

6.08. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1063/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni u jigi ordnat dan ix-xoghol.

6.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/1065/08/I 26/02/2008 — Ittra minghand l-Avukat tal-Kunsill dwar il-kaz ta’ Yannick Borg fejn il-genituri tieghu talbu kumpens ta’ € 850.22.

6.11. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1065/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din it-talba halli jinghalaq il-kaz.

6.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.13. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli rrimarka li ghalkemm huwa kien qed jivvota favur li jsir dan il-hlas fl-istess hin insista li l-fence minn fejn ghaddha dan it-tifel, ftit tal-hin qabel kien fi stat tajjeb u li l-Kunsill ma jistax ikun li jkollu jhallas danni bhal dawn meta ma jkunx it-tort tieghu.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.

7.01. Peress li ma kienx hemm punti dwar il-Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Peress li ma kienx hemm attivitajiet proposti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 09. Ingagg ta’ librar mal-Kunsill.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-intervisti kienu saru nhar it-Tnejn 25 ta’ Frar 2008 fil-prezenza tas-Sur Philip Borg Direttur tad-Dipartiment tal-Libreriji. Il-kelliem qal li ghal xi hin kienu prezenti wkoll il-Kunsillier Alfred Mazzitelli u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem qal li r-rakkomandazzjoni tieghu wara li kkonsulta mas-Sur Philip Borg hija li jintaghzel is-Sur Luke Gregory.

9.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta’ pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument E, F u G)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr tal-WSC fejn ippropona li dan il-kont m’ghandux jigi mhallas ghal ragunijiet li diga ssemmew fil-laqghat precedenti.

10.03. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li gejja ghandhom jehlu l-locality sign il-godda kif ukoll li nhar il-Hamis 28 ta’ Frar 2008 fid-9.30 am ghandha ssir laqgha ma’ rapprezentanti ta’ l-ADT dwar il-problema tal-Bus Shelter ta’ Triq il-Mediterran.

11.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kumpanija Adventure Camping Shop kienu nfurmaw lill-Kunsillier Alfred Mazzitelli li ma kellhomx tined.

11.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija kellha komunikat mas-Sindku tas-Swieqi fejn din offriet li tohrog nofs l-ispiza li hemm bzonn.

11.04. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli rrimarka li huwa ma jarax il-htiega li jkun hemm tinda.

11.05. Wara diskussjoni li saret kien jidher li hemm qbil li dan il-process jitwaqqaf u ghalhekk ma titpogga ebda tinda.

11.06. Il-laqgha ntemmet fis-6.10 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir lejn l-ahhar ta’ Marzu 2008 sabiex jigu approvati l-ahhar pagamenti ta’ din il-legislatura.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**